Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 28 ta' Novembru 2024**

**Kump. Nru. 347/2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Avv. Joseph Camilleri Azarov**
**Spettur Jeffrey Scicluna**
**Spettur Mario Sciberras)**

**Versus**

**Manuel Abela**
**(0245692M)**
**u**
**Spiridione Costa**
**(0102365M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Manuel Abela**, detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0245692M;

u kontra **Spiridione Costa**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0102365M.

Akkuzati talli:

F'xi ħin bejn nofsilejl (00:00am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu tal-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq

Xandru Farrugia li tinsab ġewwa Tarxien u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament taw in-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuna fil-waqt tal-ħruq u huma setgħu jobsru li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna u dan sar għad-detriment ta' Tiziana Farrugia u Clive Louis Farrugia u/jew persuni oħra u/jew entitatijiet oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 316(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, bil-lejl, kisru il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 338(m) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U Manuel Abela waħdu f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat ukoll talli, f'xi ħin bejn nofsilejl (00:00am) u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu tal-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq Xandru Farrugia li tinsab ġewwa Tarxien u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

5. Rema', tefa', ħalla, jew xort'oħra qattar jew iddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess mingħajr ma kien awtorizzat b'liġi u dan bi ksur tar- Regolamenti 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, xeħet ħmieġ jew porkeriji fil-bibien jew taħt il-ħitan tad-djar ta' ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(m) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat Manuel Abela bħala li hu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jigu mibdula.

U Spiridione Costa waħdu akkużat talli, nhar il-ħmistax (15) ta' April 2024 u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer Maltin;

**8.** Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta'kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż u dan bi ksur tal-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

**9.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, kiser sinjal li juri li m'hemmx dħul u dan bi ksur tat-Tieni Skeda tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

**10.** U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, kien qiegħed jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur tal-Artikolu 338(w) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**11.** Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat Spiridione Costa bħala li hu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Tiziana Farrugia, Clive Louis Farrugia, Kyle Farrugia u Zack Farrugia billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;
F'każ ta' ħtija taħt it-tmien imputazzjoni fil-konfront ta' Spiridione Costa, tordna li Spiridione Costa jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza

tas-sewqan għall-ammont ta' żmien skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2024.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati, debitament assistiti mill-konsulent legali taghhom tennew li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi l-imputati regghu tennew ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti;

Fil-konfront ta' **Manuel Abela**, wara li rat Artikolu 7, 31, 42, 49, 50, 316(a), 325(1)(a), 338(dd), 338(m) u 339(1)(m) tal-Kapitolu 9, u Regolament 4 u 10(1) ta' L.S. 549.40 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-hlas t'ammenda ghas-somma ta' mija u hamsin Euro (€150.00).**

Fil-konfront ta' **Spiridione Costa**, wara li rat Artikolu 7, 31, 42, 49, 50, 316(a), 325(1)(a), 338(dd), 338(m) u 338(w) tal-Kapitolu 9, u Artikolu

15(1)(a) u 15(3) u t-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500.00), kif ukoll ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur mid-data illi huwa jtemm l-inkarcerazzjoni tieghu.**

Illi inoltre ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-**hatja Manuel Abela u Spiridione Costa sabiex ihallsu lil Tiziana Farrugia u Clive Louis Farrugia l-ammont ta' ghaxart t'elef erbgha mija u erbgha u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€10,454.95) bejniethom, fi zmien sena (1) millum.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hatja **Manuel Abela u Spiridione Costa, b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin <u>mid-data li tispicca l-inkarcerazzjoni taghhom,</u>** ghall-**protezzjoni ta' Tiziana Farrugia, Clive Louis Farrugia, Kyle Farrugia u Zack Farrugia.** Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti** qeda torbot lill-hatja **Manuel Abela u Spiridione Costa** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena <u>mid-data li tispicca l-inkarcerazzjoni taghhom,</u>** u dan billi ma jimmolestawx, ma jddejjqux u ma jingurjawx lill-*parte civile* **Tiziana Farrugia, Clive Louis Farrugia, Kyle Farrugia u Zack Farrugia.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputati fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**